MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2008

Numru 999/2008

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Anthony Schembri**

Illum, 29 ta' Mejju 2008

**Il-Qorti:**

**1.** Dan hu appell interpost minn Anthony Schembri mill-verdett tal-gurati (moghti fil-21 ta' Mejju 2007) u mid-decizjoni tal-Qorti Kriminali (moghtija l-ghada, 22 ta' Mejju 2007) dwar l-allegat stat ta' genn ta' l-istess Schembri fid-

29 ta' Settembru 2005. Ghall-ahjar intendiment ta' din is-sentenza, tajjeb li wiehed jirriassumi fil-qosor l-*iter* ta' dan il-kaz.

**2.** Anthony Schembri tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fit-30 ta' Settembru 2005 akkuzat talli (**i**) fl-Isptar San Luqa, fil-Pieta`, nhar id-29 ta' Settembru 2005, ghall-habta ta' nofs in-nhar, dolozament, bil-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' [martu] Dolores sive Doris Schembri f'perikolu car, taha diversi daqqiet ta' strument li jaqta' u bil-ponta, u kkagunalha l-mewt, (**ii**) fil-hin li huwa kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari, (**iii**) talli fl-istess data, hin u cirkostanzi f'diversi bnadi f'dawn il-Gzejjer zamm u garr strument li jaqta' u bil-ponta minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kif ukoll (**iv**) talli rrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali wara li kien instab hati b'sentenza moghtija mill-Qrati tal-Magistrati. Ghal dawn l-imputazzjonijiet Anthony Schembri, li kien dejjem assistit legalment, wiegeb (quddiem il-Qorti Istruttorja – fol. 5 ta' l-attijiet tal-kumpilazzjoni) li ma kienx hati.

**3.** Wara li fis-7 ta' Ottubru 2005 il-Qorti Istruttorja ddikjarat li kien hemm ragunijiet bizzejjed biex Schembri jitqieghed taht att ta' akkuza u baghtet l-attijiet tal-kumpilazzjoni lill-Avukat Generali, dan, b'nota ta' rinviju datata 1 ta' Novembru 2005 baghat l-attijiet lura lill-Qorti Inferjuri biex din tisma' aktar provi. Fl-udjenza ta' l-10 ta' Novembru 2005, wara li nstemghu diversi xhieda u gie ezebit anke l-*proces-verbal* relattiv, id-difensur ta' Schembri talab biex "jinhatru esperti medici biex jivverifikaw il-kondizzjoni mentali ta' l-imputat" – ara fol. 27 ta' l-attijiet tal-kumpilazzjoni. Il-psikjatri mahtura kienu Dott. John Mifsud, Dott. Ethel Felice u Dott. David Cassar. Fl-udjenza tal-21 ta' Marzu 2006 (fol. 106) Dott. Mifsud gie sostitwit b'Dott. Salvino Schembri Wismayer; u terga' fl-udjenza tad-9 ta' Mejju 2006 (fol. 110), Dott. Schembri Wismayer gie sostitwit b'Dott. Anton Grech.

**4.** Fl-4 ta' Jannar 2007, il-kullegg peritali pprezenta u halef ir-relazzjoni tieghu (fol. 133 sa 139). F'din ir-relazzjoni huma kkonkludew hekk:

**"Fil-hin ta' l-incident li wassal ghall-mewt ta' martu, Mr Anthony Schembri kien qed ibati minn stat ta' skizofrenija paranoika severa u genn fit-termini tal-ligi.**

**"L-istat mentali tieghu kien direttament u specifikatament affetwat mill-marda tieghu u wassal ghar-reat illi fih mietet martu.**

**"Fil-hin tar-reat ma kellux il-kapacita` ta' gudizzju, 'intendere e volere'."**

**5.** L-attijiet tal-kumpilazzjoni gew rinvijati lill-Avukat Generali fis-17 ta' Jannar 2007. Fit-22 ta' Jannar 2007 l-Avukat Generali pprevalixxa ruhu mid-disposizzjoni ta' l-artikolu 402(5)[1] tal-Kap. 9 u permezz ta' rikors ipprezentat quddiem il-Qorti Kriminali talab li l-kwistjoni tal-genn o meno ta' l-imputat tingieb quddiem dik il-Qorti – il-Qorti Kriminali – biex tigi deciza skond l-artikoli 620, 627 u 628 ta' l-imsemmi Kap. 9.

**6.** Il-kwistjoni li ghalhekk kellha quddiemha l-Qorti Kriminali, u li kellha tigi deciza minn gurija mahtura skond l-artikolu 627 imsemmi, kienet jekk fil-mument ta' l-allegat omicidju ta' martu Anthony Schembri kienx fi stat ta' genn ghall-finijiet u effetti kollha ta' l-artikolu 33(a) tal-Kodici Kriminali. Wara li semghu l-provi li ressaq l-Avukat Generali u l-imputat Schembri, il-gurati, fil-21 ta' Mejju 2007, iddikjaraw b'sitt voti favur u tlieta kontra li kienu qed "isibu li Anthony Schembri ma kienx fi stat ta' genn meta sehh l-incident". Fit-22 ta' Mejju 2007 il-Qorti Kriminali ppronunzjat ruhha, *inter alia*, hekk:

**"Rat il-verdett tal-gurija tal-21 ta' Mejju 2007 li bih b'sitt (6) voti kontra tlieta (3) sabet illi Anthony**

[1] Ara a propositu wkoll l-artikolu 499(2) tal-Kap. 9: "Jista' jsir appell ukoll fuq talba ta' l-akkuzat minn decizjoni moghtija fuq rikors ta' l-Avukat Generali skond is-subartikolu (5) ta' l-artikolu 402 jew minn kull decizjoni…".

**Schembri ma kienx fi stat ta' genn meta sehh l-incident:**

**"Ghalhekk tiddikjara illi Anthony Schembri ma kienx fi stat ta' genn meta sehh l-incident tad-29 ta' Settembru 2005.**

**"Tordna li l-atti jintbaghtu lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja ghall-kontinwazzjoni. Tordna wkoll illi l-imputat jitqieghed fl-istess posizzjoni li kien qabel il-proceduri quddiem din il-qorti ghal dik li hija l-liberta` personali tieghu."**

**7.** Permezz ta' nota moqrija u prezentata minnufih wara l-qari ta' din id-decizjoni, Anthony Schembri ta avviz ta' appell. L-ghada, 23 ta' Mejju 2007, huwa pprezenta dana l-appell quddiem din il-Qorti. L-appell gie appuntat ghall-11 ta' Lulju 2007. F'din l-udjenza d-difensur ta' l-appellant talab li jkollu a disposizzjoni tieghu d-deposizzjonijiet tal-periti psikjatri moghtija quddiem il-Qorti Kriminali, id-deposizzjoni ta' l-Ispettur Christopher Pullicino, l-indirizz ta' l-Imhallef li ppresjeda l-proceduri li taw lok ghal dana l-appell, kif ukoll is-sottomissjonijiet tal-prosekutur u ta' l-avukat difensur. L-appell gie ghalhekk differit ghat-18 ta' Ottubru 2007, izda f'dik il-gurnata wiehed mill-imhallfin komponenti din il-Qorti kien indispost u ghalhekk l-appell gie effettivament trattat mill-partijiet fl-udjenza tat-8 ta' Novembru 2007.

**8.** L-appellant ghandu tliet aggravji, li jistghu jigu sintetizzati hekk: (**i**) Il-verdett tal-gurati huwa wiehed kompletament u assolutament zbaljat, ghax, fid-dawl tad-deposizzjoni "verament b'sahhitha tal-psikjatri waqt il-guri", il-gurati ma setghux hlief jaslu ghall-konkluzjoni li waslu ghaliha l-istess psikjatri u cioe` li Schembri kien mignun fit-termini tal-ligi. Skond l-appellant, ma ngabet ebda prova kuntrarja ghal dak li sabu l-psikjatri, b'mod ghalhekk li "l-verdett kien wiehed skorrett u avventuruz b'mod negattiv fic-cirkostanzi, ghaliex filwaqt li l-gurati kellhom kull dritt li ma jistrihux fuq ix-xiehda tal-periti, xorta wahda ma kinux jezistu ragunijiet gravi u serji bizzejjed biex jintitolaw lill-gurati li jiddipartixxu u jiddistakkaw

ruhhom mir-rapport tal-psikjatri, l-unici nies fl-awla li jifhmu fuq il-genn mediku u li setghu jaghtu spjega tac-cirkostanzi biex imbaghad wiehed jikkonkludi ragjonevolment li l-esponenti kien anke mignun fit-termini tal-ligi." (**ii**) Id-difiza f'dan il-kaz ippruvat sal-grad tal-probabbli dak li kienet qed teccepixxi, u cioe` li l-appellant kien mignun skond il-ligi fil-mument ta' l-incident. Skond l-appellant, anke jekk wiehed kellu jaghti kaz ta' dak li hemm fl-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija (u li fuqha strahet il-prosekuzzjoni), ir-rizultat xorta wahda kellu jkun li hu pprova dak li kellu jipprova fuq bazi ta' probabbilita` filwaqt li l-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li fil-mument ta' l-incident hu ma kienx affett mill-inkapacita` li jifhem u jaghraf dak li kien qed jaghmel jew minn inkapacita` tal-volonta`. (**iii**) It-tielet aggravju ta' l-appellant hu bbazat fuq dak li huwa jsejjah bhala "skorrettezza li saret mill-Imhallef togat", meta dan laqa' t-talba tieghu (cioe` ta' l-appellant) biex mir-rapport tal-periti jithassar bran li kien jirreferi ghal incident li huwa kellu precedentement ma' martu (fl-1991), izda, fuq oggezzjoni tal-prosekuzzjoni, ma laqax talba biex jithassar bran simili mill-istqarrija li huwa kien ghamel lill-pulizija. Meta, in segwitu ghad-digriet relattiv ghal dawn iz-zewg brani, huwa talab li jaghmel il-prova li fil-kaz tal-1991 huwa kien gie dikjarat mignun fit-termini tal-ligi u ordnat li jinzamm fl-Isptar Monte Carmeli, it-talba tieghu giet michuda. Skond l-appellant, huwa sofra pregudizzju b'din id-decizjoni ghax il-gurati b'hekk gew a konjizzjoni ta' incident simili ghal dak sotto ezami, minghajr ma ntqal lilhom li f'dak l-incident ta' l-1991 huwa kien gie dikjarat mignun skond il-ligi. L-appellant jilmenta wkoll in partikolari mill-fatt li fl-argumentazzjoni finali tieghu l-prosekutur irrefera ghal dan l-incident ta' l-1991 u argumenta "li dak li m'ghamilx lil martu fl-1991 baqa' jahseb u jippremedita fuqu sal-mument tal-incident in ezami."

**9.** Ikun opportun li l-ewwel jigi kkunsidrat it-tielet aggravju ta' l-appellant. Fl-udjenza tal-21 ta' Mejju 2007, qabel ma gie ffurmat il-guri, l-appellant, tramite l-abbili difensuri tieghu, talab li ma jingiebx a konjizzjoni tal-gurati dan il-bran mill-istqarrija minnu rilaxxjata lill-pulizija:

**“M. Gieli kellek argumenti serji ghax kienet tghidlek dawn il-kliem dwar impotenza sesswali?**

**“T. Iva. Niftakar li fl-1991 kien hemm incident fid-dar taghna f’Santa Venera fejn jien kont anke weggajt lil marti bis-sikkina. Dan ghamiltu ghax kienet ghajjritni bl-istess diskors li ghadek kif semmejtli. Dak inhar naf li kont tajtha hafna daqqiet bis-sikkina li jien stess kont gibt mill-kexxun tal-kcina.”**

Talab ukoll li ma jingiebx a konjizzjoni tal-gurati s-segwenti <u>bran mir-rapport peritali</u>:

**“Erbatax-il sena ilu kont ghaddejt perizja ghax kien hemm attentat ta’ qtil fuq il-mara, u fil-qorti kont mghoddi b’mignun. Dak iz-zmien kont fis-sodda u kont ferejtha b’sikkina.”**

Il-prosekuzzjoni quddiem il-Qorti Kriminali qablet li ma jingiebx a konjizzjoni tal-gurati <u>t-tieni</u> bran, izda ma qablitx li ma jissemmiex l-ewwel wiehed, u dan peress li fil-bran fl-istqarrija maghmula lill-pulizija ma jissemmewx proceduri gudizzjarji bhalma jissemmew fil-bran fir-rapport peritali. Il-Qorti Kriminali qablet ma’ l-argument imressaq mill-prosekuzzjoni, u konsegwentement ammettiet it-talba tad-difiza limitatament ghat-tieni bran (dak tar-rapport). Kif appena nghata dan id-digriet, l-abbili difensuri tal-appellant – Dott. Angelo Farrugia u Dott. Edward Gatt – talbu li jsiru domandi, fil-kontro-ezami tax-xhieda, dwar l-ezitu ta’ l-incident ta’ l-1991 u dan peress li l-ezitu ta’ dawk il-proceduri gudizzjarji (rigwardanti l-incident ta’ l-1991) ma kienx wiehed ta’ sejbien ta’ htija (“conviction”). Il-prosekuzzjoni baqghet tinsisti li ma kellhomx jissemmew proceduri gudizzjarji precedenti, u l-ewwel qorti laqghet din l-oggezzjoni u cahdet it-talba tad-difiza biex din taghmel il-mistoqsijiet in kontro-ezami hawn aktar ‘il fuq imsemmija.

**9.** Fil-fehma ta’ din il-Qorti, id-decizjoni ta’ l-ewwel qorti kienet korretta, <u>pero` mhux ghar-raguni moghtija minn dik l-istess qorti</u>. Dak li hu vjetat mil-ligi li jingieb a konjizzjoni

tal-gurati – u salv l-eccezzjonijiet kontemplati fl-artikolu 459A tal-Kap. 9 – huwa li "l-akkuzat kien gie misjub hati u kkundannat" – artikolu 489 tal-Kap. 9 – haga li, ghall-anqas skond il-fedina penali ezibita a fol. 7 ta' l-attijiet tal-kumpilazzjoni, ma jirrizultax li sehhet. Ir-raguni korretta ghala l-ewwel qorti kellha tilqa' t-talba li ma jissemmiex il-bran hawn aktar 'il fuq indikat mehud mir-rapport tal-psikjatri, u kellha wkoll tipprovdi li anqas ma jsiru mistoqsijiet dwar l-ezitu tal-proceduri li kienu jirreferu ghall-incident ta' l-1991, kienet li l-ezitu ta' dawk il-proceduri gudizzjarji kien *prima facie* irrelevanti ghall-ezitu tal-proceduri (dwar demenza) riferibbilment ghall-incident tad-29 ta' Settembru 2005. Il-periti li rrelataw dwar l-incident ta' l-1991 necessarjament strahu fuq il-provi li kellhom quddiemhom dak iz-zmien, provi li ma kinux quddiem il-gurati fil-kaz odjern, mentri l-gurati fil-kaz odjern kellhom joqoghodu fuq il-provi li ngabu a konjizzjoni taghhom, li kienu essenzjalment l-istqarrija ta' l-akkuzat lill-pulizija u r-rapport u d-deposizzjoni tal-psikjatri. Mill-banda l-ohra, il-bran fl-istqarrija, fejn Schembri jsemmi l-incident ta' l-1991, kien relevanti in kwantu, bla ma dan il-bran jirreferi ghal xi akkuzi li setghu ngiebu kontra tieghu, jista' jitfa' dawl fuq il-motiv ossia movent ghala, din id-darba, rega' ta bis-sikkina lil martu, cioe` l-fatt li kien ihossu mwegga' meta martu tghidlu certu diskors. Sa hawn ma hemm ebda irregolarita`.

**10.** Pero` l-appellant jilmenta wkoll mill-fatt li fil-kors tas-sottomissjonijiet finali quddiem il-gurati, l-avukat prosekutur, Dott. Anthony Barbara, irrefera ghal dan l-incident ta' l-1991 u "gab l-argument li l-esponenti ma kienx fi stat ta' genn ghaliex dak li ma ghamilx lil martu fl-1991 baqa' jahseb u jippremedita fuqu sal-mument tal-incident in ezami." Ikompli l-appellant: "Illi kif svolgew id-decizjonijiet tal-Qorti dwar dan l-ilment, intqalet xi haga li ma kellha qatt tintqal lill-gurati u mhux biss, izda bl-aktar mod zlejali u ta' pregudizzju l-Avukat Generali thalla jaghmel xenarju ta' fatti totalment differenti minn dak li sehh dakinhar meta huwa stess [l-Avukat Generali] anqas biss kien ikkontesta r-rapport tal-periti ta' dak il-process fis-sena 1992…".

**11.** Din il-Qorti, wara li ezaminat bir-reqqa (fost ohrajn) it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet (replika) maghmula lill-gurati mill-avukat prosekutur, u wara li ddeliberat fit-tul, hija tal-fehma li dana l-aggravju ta’ l-appellant huwa wiehed validu. Kif inghad, l-ewwel qorti gustament halliet li l-bran mehud mill-istqarrija tal-akkuzat u li kien jirreferi ghall-incident ta’ l-1991 jingieb a konjizzjoni tal-gurati izda ma hallietx il-bran mehud mir-rapport peritali, li kien ukoll jirreferi ghal dak l-incident, li jitqieghed quddiem il-gurati. Gara`, pero`, li fil-kors tar-replika tieghu, il-prosekutur darbtejn irrefera ghall-incident ta’ l-1991 mhux fil-parametri ristretti ta’ l-iskop li ghalih setghet issir referenza ghal dak l-incident, izda billi fetah il-bieb berah ghall-gurati ghal spekulazzjonijiet dwar il-proceduri li setghu ittiehdu in segwitu ghal dak l-incident kif ukoll ghall-ezitu ta’ dawk il-proceduri. Hekk insibu, a fol. 32 tat-traskrizzjoni:

**“U l-kollega qisu qal li l-Prosekutur ghamel domanda stupida, qallu ma saqsejtux jekk hux mignun? U ahna nafu li jekk ikollok xi hadd li jkun agitat l-ewwel haga li jghidlek ghax tlift rasi, u ghamilt hekk. U mela nigu nghidu ghax ma kienx jaf x’qed jaghmel dan? <u>Dak li ma renexxilux jaghmel fl-1991 irnexxilu jaghmlu fl-2005</u>. Araw l-istqarrija. Umbaghad nghidu ghax sploda kien mignun. Ghax kellu kura mentali allura dan kien fi stat ta’ genn u jista’ jaghmel li jrid.”** (sottolinear ta’ din il-Qorti).

U a fol. 34, wara li l-prosekutur qara il-bran mill-istqarrija aktar ‘l fuq riportat f’din is-sentenza, qal hekk:

**“Hawn beda l-inkwiet proprja fil-fatt. U osservaw, kien weggaghha bis-sikkina, <u>mela allura dak li ma rnexxilux jaghmel fl-1991 irnexxilu jaghmlu fl-2005. Kien fi stat ta’ genn fl-1991 ukoll? Ma nafux</u>.”** (sottolinear ta’ din il-Qorti).

Bil-brani sottolineati, hawnhekk il-prosekutur, b’mod fin, issuggerixxa lill-gurati mhux biss li kien hemm tentattiv ta’ omicidju fl-1991 – haga li qatt ma giet stabbilita gudizzjarjament – izda wkoll li l-akkuzat kien jaf x’inhu jaghmel u kien responsabbli ghal dak li kien ghamel fl-

1991. Dan ghamlu b'mod partikolari bil-mistoqsija kwazi retorika "Kien fi stat ta' genn fl-1991 ukoll?" u bit-twegiba li ta huwa stess "Ma nafux" – meta huwa kien jaf ben tajjeb li l-Qorti tal-Magistrati kienet iddikjarat li kien fi stat ta' genn fil-mument ta' dak l-incident tal-1991. Meta l-kompitu ferm delikat tal-gurati kien li jiddecidu bazikament jekk ghandhomx jaghtu aktar affidament lill-istqarrija ta' l-akkuzat – li fiha nnifisha u wahedha certament ma taghti ebda indikazzjoni ta' xi infermita` mentali u wisq anqas tan-nuqqas tal-kapacita` li wiehed jaghraf u jifhem dak li jkun qed jaghmel jew nuqqas tal-kapacita` volittiva – jew jekk kellhomx joqoghdu aktar fuq ir-rapport tal-periti (li meta ghamluh dawn anqas biss indenjaw jaraw l-istqarrija li l-akkuzat kien ghamel lill-pulizija) u fuq id-deposizzjoni taghhom, kienet skorrettezza kbira da parti tal-prosekutur li jiftah il-bibien ghal spekulazzjonijiet da parti tal-gurati dwar effettivament x'sehh fl-1991 u dwar l-istat mentali ta' Schembri dak iz-zmien. Kif appena l-prosekutur ghamel dawn l-osservazzjonijiet (specjalment it-tieni wahda), l-Onorevoli Imhallef li ppresjeda l-ewwel guri kellu jintervjeni immedjatament biex jispjega lill-gurati li dak li sehh fl-1991 seta' jkun relevanti biss ghall-finijiet tal-movent u li huma ma kellhom quddiemhom ebda prova ta' xi tentattiv ta' omicidju precedenti; kif ukoll li anke jekk fl-1991 Schembri kien fi stat ta' genn – fatt li, ukoll, huma ma kellhomx quddiemhom – l-istat li seta' kien fih fl-1991 kien ghal kollox irrelevanti ghall-finijiet tal-kompitu li kellhom quddiemhom. Dan, pero`, ma sarx. U anke fl-indirizz tieghu – indirizz li kien, mill-aspetti l-ohra kollha, ineccepibbli – l-Onorevoli Imhallef ta' l-ewwel grad ma qal assolutament xejn biex jaghmel tajjeb ghall-irregolarita` mwettqa mill-prosekutur kif hawn aktar 'il fuq imfisser, ghalkemm dan il-punt gie senjalat mid-difiza fil-kontro-replika[2].

**12.** Fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti, ghandna ghalhekk quddiemna rregolarita` matul il-kawza "li seta' kellha influwenza fuq il-verdett" fit-termini ta' l-artikolu 501(1)(b) tal-Kap. 9. Fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, din il-Qorti ma hix tal-fehma li ghandha tiehu post il-gurati u tara

[2] Ara t-traskrizzjoni, fol. 42, l-ahhar paragrafu.

jekk, minkejja din l-irregolarita`, hemmx lok ta' l-applikazzjoni tal-*proviso* tas-subartikolu (1) tal-artikolu 501 imsemmi[3]. Mill-banda l-ohra, anqas hi tal-fehma li ghandha tissostitwixxi l-verdett tal-gurati b'verdett li l-appellant kien fi stat ta' genn fil-mument ta' l-incident tad-29 ta' Settembru 2005. Il-gurati, ben diretti mill-Imhallef, huma fl-ahjar posizzjoni li jiddecidu, skond il-buon sens, dwar kwistjoni bhal din. Kif jispjegaw l-awturi Timothy Jones u Michael Christie[4], b'referenza ghal-ligi sostantiva u procedurali Skocciza in materja ta' eccezzjoni ta' demenza fil-kamp penali, u li hi simili hafna ghal dik taghna:

**"The issue as to whether the accused's reason was alienated in relation to the crime in question is one for the jury to determine in the light of the evidence and their common sense. In Lord Strachan's terms, 'it is to be judged on the ordinary rules on which men act in daily life'. The jurors are the arbiters of insanity. They can take account of any medical evidence given by expert witnesses, but such evidence is not conclusive. The significance of medical evidence is severely limited by the fact that insanity is a legal rather than a medical concept. Further, a medical witness can only speculate as to the accused's state of mind at the time of the crime, since the information upon which his judgment is based will have been obtained subsequent to the crime being committed."** [5]

**13.** Fil-fehma tal-Qorti, ghalhekk, ghandu jigi applikat analogikament l-artikolu 508(1) tal-Kap. 9, u l-process jerga' jsir mill-gdid biex jigi stabbilit jekk l-appellant odjern kienx fi stat ta' genn skond il-ligi fil-mument ta' l-incident relattiv. Isegwi wkoll li huwa inutili li wiehed jezamina l-aggravji l-ohra – l-ewwel tnejn – imressqa mill-appellant.

---

[3] 501(1) *proviso*: "Izda l-qorti tista', minkejja li tkun tal-fehma illi l-punt imqajjem fl-appell skond il-paragrafu (b) ta' dan is-subartikolu jista' jkun deciz favur l-appellant, tichad l-appell jekk tqis illi ma saret ebda amministrazzjoni hazina tal-gustizzja."
[4] **Criminal Law**, Sweet & Maxwell (Edinburgh), 1992.
[5] Pagna 141.

**14.** Ghall-motivi premessi, din il-Qorti thassar u tirrevoka kemm il-verdett tal-gurati tal-21 ta’ Mejju 2007 kif ukoll is-sentenza tal-Qorti Kriminali tat-22 ta’ Mejju 2007 li permezz taghha ddikjarat illi Anthony Schembri ma kienx fi stat ta’ genn meta sehh l-incident tad-29 ta’ Settembru 2005 u, b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 508(1) imsemmi, tordna li l-appellant jerga’ jigi processat skond id-disposizzjonijiet tal-artikoli 620, 627 u 628 tal-Kodici Kriminali b’referenza ghar-rikors ta’ l-Avukat Generali tat-22 ta’ Jannar 2007; konsegwentement tordna li l-atti jintbaghtu lura lill-Qorti Kriminali u li Anthony Schembri jitqieghed fl-istess posizzjoni li kien fiha minnufih qabel ma gie mahtur il-guri fil-21 ta’ Mejju 2007. Sakemm jergghu jsiru l-proceduri quddiem il-Qorti Kriminali, l-appellant ghandu jitqieghed, ghal dik li hija l-liberta` personali tieghu, fl-istess posizzjoni li kien fiha qabel ma bdew il-proceduri quddiem il-Qorti Kriminali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------